MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Sede Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2022

Appell Inferjuri Numru 140/2016 LM

**John Axiak (Passaport Amerikan 506186951) f'ismu proprju u għan-nom u in rappreżentanza ta' Paul Axiaq, Carmen Fenech, Gloria Anne Dimech Gaines, Josephine Mary Cole, Manuel John Dimech, Robert Joseph Dimech, John Fitzgerald Dimech, Romeo Nelson Mallia JR, John Nelson Mallia, Anthony Nelson Mallia, Paul Nelson Mallia, Juliet Jammie McGlinch, Charles Dennis Mallia kif debitament awtorizzat u Rose Axiak proprju ta' Flat 10, No. 34, Henry Bouverie Street, Gżira**

*('l-appellati')*

***vs.***

**Dr Carmelo Lia u b'digriet tal-1 ta' Diċembru, 2021 l-atti ġew trasfużi f'isem in-Nutar Joseph Lia u Dr Alexander Lia wara li ġie nieqes missierhom Dr Carmelo Lia u wara li sussegwentement ġiet nieqsa wkoll ommhom Margaret Lia**

*('l-appellanti')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mill-konvenuti **Margaret Lia, armla ta' Dr Carmelo Lia (K.I. 182138M), Dr Joseph (K.I. 307361M), Edward (K.I. 255564M) u Dr Alexander (K.I. 301066M), ulied il-mejjet Dr Carmelo Lia u l-imsemmija Margaret Lia, ilkoll werrieta tal-konvenut, Dr Carmelo Lia**, li miet fl-4 ta' Ġunju, 2020 [hawnhekk 'l-appellanti'], minn deċiżjoni tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'] tat-23 ta' Ġunju, 2020, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'], li permezz tagħha t-Tribunal iddeċieda l-kawża billi ċaħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali mressqa mill-konvenut Dr Carmelo Lia, u laqa' t-talba tal-atturi **John Axiak (Passaport Amerikan 506186951) proprio et nomine** [minn issa 'l-appellati'], limitatament għas-somma ta' seba' mija u sittin Euro u tletin ċenteżmu (€760.30) bl-imgħaxijiet legali b'effett mid-data tad-deċiżjoni appellata sad-data tal-pagament effettiv, u bl-ispejjeż kontra l-konvenuti.

## Fatti

2. L-atturi istitwew proċeduri quddiem it-Tribunal sabiex il-konvenut jiġi kkundannat jirrifondilhom is-somma ta' disa' mija u erbgħa u ħamsin Euro u disgħa u sebgħin ċenteżmu (€954.79), rappreżentanti bilanċ ta' kirjiet miġbura mill-konvenut Dr Carmelo Lia f'isem l-atturi, u li fir-rigward tagħhom il-konvenut ħareġ id-debita riċevuta lit-terzi paganti. Il-konvenut iżda baqa' ma għaddiex din is-somma lill-atturi minkejja li kien hemm diversi interpellazzjonijiet f'dan ir-rigward.

**Mertu**

3. L-atturi istitwew proċeduri quddiem it-Tribunal sabiex il-konvenut jgħaddilhom somma flus rappreżentanti kirjiet li huwa kien jamministra f'isem l-atturi.

4. Il-konvenut min-naħa tiegħu eċċepixxa li t-talbiet tal-atturi għandhom jiġu miċħuda għaliex it-talba tagħhom hija preskritta stante li għaddew aktar minn ħames snin minn meta huwa ċeda l-amministrazzjoni lill-ko-eredi tal-proprjetà tal-familja Axiak, u għadda l-karti u l-flus tal-amministrazzjoni lill-ko-eredi. Il-konvenut eċċepixxa wkoll li t-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt għaliex l-atturi ma ġabux prova ta' x'inhu d-dritt tagħhhom, u lanqas ma ġabu prokuri tal-persuni assenti li suppost huma rappreżentati minnhom.

5. Ir-rikorrent **John Axiak** fl-*affidavit* tiegħu spjega li huwa jgħix fl-Istat ta' Michigan fl-Istati Uniti u li hu jaf il-fatti ta' dawn il-proċeduri di xjenza proprija. Qal li l-konvenut Dr Carmelo Lia kien appuntat sabiex jiġbor flejjes u kirjiet u jiġġestixxi il-proprjetà tan-nannu tax-xhud, Paul Axiaq, u l-konvenut Dr Carmelo Lia kien ġie maħtur amministratur miz-ziju tax-xhud. Qal li Dr Lia ġabar u qassam il-flejjes dovuti sal-2000, iżda wara s-sena 2001 dan ma baqax iqassam il-kirjiet kollha miġbura minnu, u beda jgħaddi l-kirjiet li jiġbor lil tliet familji biss, li jiġu l-eredi tad-defunti Salvo Axiaq, Ganena Licari u Angela Mizzi. Ix-xhud spjega li huwa jirrappreżenta ħames familji, ilkoll eredi tad-defunt Paul Axiaq. Ix-xhud qal li fl-2009 huwa kien tkellem mal-konvenut Dr Carmelo Lia fl-uffiċċju tiegħu fil-preżenza ta' ommu, iżda meta ssemmew il-flus tal-kera dan kien wieġeb li lix-xhud ma jafux. Ix-xhud qal ukoll li huwa personalment ipprova jikkorrispondi

mal-konvenut diversi drabi, iżda baqa' qatt ma rċieva risposta. L-istess xhud ta d-deposizzjoni tiegħu wkoll quddiem it-Tribunal fejn qal li huwa kien intalab jibda jieħu ħsieb il-proprjetà mertu ta' dawn il-proċeduri minn xi kuġini tiegħu. Ix-xhud reġa' qal li l-konvenut Dr Carmelo Lia kien intalab jibda jamministra dawn il-proprjetajiet u jqassam il-kirjiet miġbura lil diversi familji, iżda wara l-2001 dan beda jqassam il-flus li jiġbor lil tliet familji partikolari u mhux lis-sidien kollha tal-proprjetajiet involuti.

6. L-atturi ppreżentaw ukoll kopji ta' diversi prokuri, kif ukoll kopja ta' ittra li ntbagħtet lill-konvenut b'interpellazzjoni sabiex dan iħallas lill-atturi dak dovut lilhom.

7. Ix-xhud **Rose Axiak** xehdet quddiem it-Tribunal li l-konvenut Dr. Lia ma riedx jagħti l-flus lill-ko-proprjetarji tal-proprjetà. Ix-xhud ma qalitx jekk il-konvenut kellux xi raġuni partikolari għalfejn irrifjuta li jagħmel dan.

8. Il-konvenut in-**Nutar Carmelo Lia**, fl-*affidavit* tiegħu qal li huwa serva bħala amministratur tal-proprjetà tal-familja Axiaq, wara li miet Salvatore Axiaq. Qal li huwa kien iqassam id-dħul tal-kera lil diversi werrieta, li uħud minnhom kienu jiġbru l-kera għal oħrajn li kienu assenti minn Malta. Qal ukoll li l-atturi f'dawn il-proċeduri qegħdin jippretendu ħlas mingħandu mingħajr ma urew li huma għandhom dritt għal dak li qegħdin jitolbu, u għalhekk huwa qiegħed jirrifjuta li jħallashom għaliex dawn ma ġabu l-ebda prova li għandhom jedd għal dak li qegħdin jitolbu. Qal li huwa baqa' jħallas kif kien jagħmel qabel. Il-konvenut qal li kien hemm punt fejn huwa ħass li ma setax ikompli f'din l-amministrazzjoni, u għalhekk għadda dak kollu li kellu f'idejh lill-familja Licari li

kienu ko-eredi tal-proprjetà u li aċċettaw li jkomplu fl-amministrazzjoni tagħha. Il-konvenut qal li dan kollu ġara qabel il-bidu tal-proċeduri quddiem it-Tribunal. Qal ukoll li huwa kien offra l-ħlas lil avukat li kien qiegħed jirrappreżenta l-interessi tal-atturi, bil-ħsieb li dan kellu jassumi responsabbilità għall-klijenti tiegħu, iżda dan l-avukat m'aċċettax li jagħmel hekk u bagħat kollox lura lin-Nutar. Il-konvenut qal li għalhekk huwa ma jafx li l-atturi għandhom xi dritt fil-konfront tiegħu, u li safejn jaf hu, huwa mhuwiex debitur fil-konfront tagħhom għal xi raġuni jew oħra. Qal ukoll li għaddew aktar minn ħames snin u għalhekk huwa ma fadallu l-ebda *records* tal-amministrazzjoni tiegħu. Il-konvenut qal li l-atturi naqsu milli jippruvaw id-dritt tagħhom billi jipproduċu provi u dokumenti li juru l-jedd li qegħdin jivvantaw. Qal ukoll li ladarba din il-proprjetà kienet tinsab hawn Malta, l-atturi kellhom jagħmlu l-proċeduri tal-wirt skont il-liġijiet ta' Malta, xi ħaġa li huma qatt ma ppruvaw li għamlu.

9. Għad-domandi li sarulu in kontro-eżami, l-istess xhud qal li meta mar ikellmu John Axiak, dan ma wrieh l-ebda prova li huwa kellu xi titolu fuq il-proprjetà in kwistjoni. Ix-xhud qal ukoll li meta rrinunzja għall-amministrazzjoni, huwa għadda kollox f'idejn il-familja Licari. Żied jgħid li huwa kien ipprova jgħaddi l-flus lill-avukat li għal xi żmien kien qiegħed jirrappreżenta l-interessi tal-atturi, sabiex ir-responsabbilità għal dawn il-flus tgħaddi f'idejh. Il-konvenut qal ukoll li hu min-naħa tiegħu baqa' qatt ma ddepożita dawn il-flejjes taħt l-awtorità tal-Qorti.

## **Id-Deċiżjoni Appellata**

10. Permezz tad-deċiżjoni tat-23 ta' Ġunju, 2020, it-Tribunal iddeċieda li għandu jilqa' t-talba tal-atturi limitatament għas-somma ta' seba' mija u sittin Euro u tletin ċenteżmu (€760.30), u ordna lill-konvenut iħallas dan l-ammont lill-atturi, bl-imgħax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-effettiv pagament, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"Illi din il-kawża tirrigwarda l-kirjiet miġbura mill-konvenut li jappartjenu lill-werrieta ta' Paul Axiak li kellu tmien ulied: ċioe Salvo Axiak, Ganena Licari, Angela Mizzi u Carmelo Axiak, li joqogħdu Malta u Carmen Fenech, Anthony Axiak, Mary Mallia u Connie Dimech li joqogħdu l-Amerika. Li l-konvenut kien jiġbor il-kirjiet u xogħlu kien li jaqsamhom bejn it-tmien werrieta u l-aventi kawża tagħhom. L-atturi jikkontendu li mis-sena 2001 huma ma rċevewx sehemhom ta' dawn il-kirjiet u l-konvenut jikkontendi li sas-sena 2005 huwa ħallashom u mis-sena 2006 sas-sena 2009 huwa bagħat il-ħlas permezz ta' cheque lill-avukat tagħhom Dr Michael Grech bil-kondizzjoni li huwa jassumi r-responsabbilità li l-atturi huma l-vera werrieta iżda dan il-ħlas reġa' ntbagħat għandu lura. Marie Lourdes Licari li toqgħod Malta kellha l-prokura ta' Angela Mizzi.*

*Eċċezzjoni tal-preskrizzjoni*

*Fin-nota tal-osservazzjonijiet tiegħu l-konvenut jieċċepixxi li din l-eċċezzjoni hija bażata fuq l-Artikolu 2157 tal-Kodiċi Ċivili.*

*Huwa jgħid li l-kawża ġiet preżentata fit-22 ta' April, 2016 u li l-aħħar pagament li rċevew l-atturi kien fis-sena 2010 u għalhekk skadew il-ħames snin mitluba mil-liġi. Huwa jgħid ukoll li huwa ottempera ruħhu ma' dak li jitlob l-Artikolu 2160 tal-Kap. 16 meta fl-affidavit tiegħu para 8 huwa stqarr li ma jafx li l-atturi għandhom xi dritt kontrih u li hu mhuwiex debitur lejn l-istess attur għal xi raġuni jew oħra u kkonfermah waqt il-kontro-eżami wkoll.*

*Fin-nota responsiva tagħhom l-atturi jikkontendu li l-artikolu li fuqu qed jibbaża l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni l-konvenut ma kellux jingħata fin-nota tal-osservazzjonijiet u għalhekk tali eċċezzjoni ma għandhiex tiġi milqugħa u jirreferi għad-deċiżjoni fl-ismijiet:* ***"Emmanuele Busuttil vs Francesco Mercieca",*** *Appell, Sede Inferjuri, 15 ta' April, 1950;*

*"*Eċċezzjonijiet formali, bħal ma hija eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, ma għandhomx jingħataw f'noti ta' osservazzjonijiet, imma bil-mod formali proċedurali. Għaldaqstant l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni li ma tiġix mogħtija formalment qisha mhijiex quddiem il-Qorti, u l-Qorti ma hix tenuta tiddeċidiha; għax il-preskrizzjoni ma tistax tiġi sollevata mill-Qorti 'ex officio'."

*Illi iżda f'dawn il-proċeduri din l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ġiet sollevata formalment fir-risposta tiegħu kif jirrikjedi l-artikolu 2111 tal-Kodiċi Ċivili u mhux bħal fil-każ kwotat mill-konvenut fejn il-konvenut eċċepixxa l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni fin-nota tal-osservazzjonijiet. Kien biss fin-nota tal-osservazzjonijiet tiegħu li l-konvenut speċifika l-artikolu tal-liġi li fuqu qed jibbaża l-preskrizzjoni ta' ħames snin sollevata fir-risposta tiegħu, liema nota ġiet notifikata lill-kontro-parti li rrispondew għalih.*

*Illi in vista tal-premess u stante li tali eċċezzjoni ma ġietx sollevata fin-nota tal-osservazzjonijiet tal-attur iżda kien biss l-artikolu tal-liġi li fuqu qed jibbaża l-eċċezzjoni ta' ħames snin, li huwa speċifika fin-nota tal-osservazzjonijiet tiegħu dan it-Tribunal ma jistax jiskarta din l-eċċezzjoni tal-konvenut.*

*Jiġi rilevat li kull preskrizzjoni estintiva tibda timxi minn dak il-mument li fih titwieled l-azzjoni (Laurent, Diritto Civile, Vol. XXXII para. 16; Baudry, Diritto Civile, Prescrizione, para. 380, 381 u 384; Kollez. XXVIII.i.726; XXXVII.ii.622). Una volta tingħata l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, min jagħtiha jkollu jipprova l-element essenzjali tal-eċċezzjoni tiegħu u ċioe li kien bħala fatt iddekorra t-terminu statutorju preskrittiv. Dana mid-data minn meta l-attur seta' jopponi l-azzjoni. Stabbilit dan imbagħad jispetta lill-attur illi jagħżel it-triq lilu miftuħa biex jiddefendi ruħhu kontra l-estinzjoni tal-azzjoni tiegħu f'wieħed jew iktar mill-mezzi li l-liġi tqiegħed għad-dispożizzjoni tiegħu. Qabel xejn però jispetta lill-konvenut li jistabbilixxi definittivament il-mument minn meta beda jiddekorri skont il-liġi t-terminu preskrittiv u jekk kienx effettivament hekk iddekorra minn dak il-mument sal-mument meta tkun ġiet intavolata l-azzjoni. Din il-prova trid tirriżulta mill-atti quddiem il-Qorti u ma tistax tiġi arguwita minn fatti li ma jirriżultawx provati (Perit Guido Vella vs Nutar Cefai, Appell, 05.10.2001).*

*Issa skont il-Kodiċi Ċivili l-interruzzjoni riedet tiġi provata b'xi waħda mill-ipotestijiet li fih prevvisti. Jiġifieri, permezz ta' att ġudizzjarju (Artikolu 2128) jew minn ċertu atteġġjament li juri illi l-konvenut-debitur qiegħed lilu nnifsu f'qagħda li tirrendi inkompatibbli l-posizzjoni ġuridika tiegħu mal-presunzjoni kostitwenti l-bażi tal-preskrizzjoni opposta. Skont il-liġi din il-qagħda hi espressa mill-Artikoli 2133 u 2134 tal-Kodiċi. A propożitu, ingħad minn din il-Qorti, kif presjeduta, illi* "r-rikonoxximent stabbilit mill-preċitat Artikolu 2133 jestrinsika ruħhu jew permezz ta' xi dikjarazzjoni espliċita jew bi kwalsiasi fatt ieħor li jimplika l-ammisjoni tal-eżistenza tad-dritt. Ad

exemplum, il-wegħda tal-ħlas, talba għal dilazzjoni tal-pagament, il-ħlas akkont (Artikolu 2134), l-annotazzjoni tad-debitu f'denunzja tas-suċċessjoni jew f'forma ta' entrata fl-accounts" *("**Austin Psaila – vs – Lother Slabick**", 09 ta' Frar, 2005). S'intendi, kif paċifikament akkolt,* "rikonoxximent tad-dejn sabiex jopera bħala interruzzjoni jew rinunzja għall-preskrizzjoni jinħtieġ li tirriżulta ċar u ma jistax jiġi konġetturat minn kliem vag" *("**Joseph Carabott et – vs – Lorenzo Decelis et**", Prim'Awla, Qorti Ċivili, 29 ta' April, 1976, per il-kompjant Imħallef George Schembri).*

*Illi dwar l-artikolu 2015 tal-Kodiċi Ċivili li fuqu qed jibbaża l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni l-konvenut jingħad li:*

*L-artikolu 2160(1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jaqra kif isegwi:*

'(1) Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, ma jagħtux ġurament minn jeddhom waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa.

(2) Jekk il-ġurament jingħata mill-werrieta tal-persuna li tagħha l-attur jippretendi li kien kreditur, jew minn oħrajn li l-jeddijiet tagħhom ġejjin mingħand dik il-persuna, il-preskrizzjonijiet fuq imsemmija ma jkollhomx effett jekk huma ma jistqarrux li ma jafux li l-ħaġa għandha tingħata.

(3) Fil-proċeduri għall-ġbir ta' debiti li għalihom hemm referenza fil-proviso għall-Artikolu 2156, meta parti tagħti ġurament li hija mhijiex debitur, din trid tagħti raġunijiet għaliex qed tqis lilha nnifisha li mhijiex debitur.

*F'dan ir-rigward ta' rilevanza hija s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fl-ismijiet:* **Bottega del Marmista Ltd – vs – Paul Mifsud et** *deċiża mill-Imħallef Anthony Ellul fis-sitta u għoxrin (26) ta' Jannar elfejn u tmintax (2018) fejn ingħad:*

"... Imbagħad fis-seduta tal-25 ta' Jannar, 2017 il-konvenuti xehdu li m'għandhomx jagħtu lis-soċjetà attriċi (fol. 38 u 39). Però dan ma kienx każ fejn il-konvenuti ngħataw il-ġurament deċiżorju iżda fejn huma xehdu minn jeddhom. Għalhekk ma jistgħux jiġu applikati l-prinċipji tal-ġurament deċiżorju. Il-Qorti żżid li bl-Att I tal-2017, li daħal fis-seħħ fit-13 ta' Jannar, 2017, saret emenda kardinali fl-artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili. Qabel dakinhar id-dispożizzjoni kienet tikkontempla l-possibilità lill-attur li jagħti l-ġurament deċiżorju lill-konvenut:

'Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157 m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, meta jingħata lilhom il-ġurament, ma jistqarrux li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa.'

Bl-emenda li saret bl-Att 1 tal-2017 il-leġislatur impona fuq il-konvenut l-obbligu li jieħu l-ġurament u fin-nuqqas il-konvenut ma jkunx jista' jieħu benefiċċju mill-preskrizzjonijiet qosra. Ovvjament, il-konsegwenzi legali li żviluppaw mill-ġurisprudenza dwar il-ġurament deċiżorju li ssemmew mill-Ewwel Qorti f'paġni 19 u 20 tas-sentenza, kienu japplikaw f'xenarju partikolari ċioe meta l-attur jagħti l-ġurament lill-konvenut. Fil-każ in eżami l-konvenuti xehdu minn jeddhom. 'Il-fatt li hi l-liġi li timponi fuq il-konvenut li jixhed biex ikun jista' jinvoka l-preskrizzjonijiet qosra, ma jbiddel xejn. Għaldaqstant, illum irrispettivament x'jixhed il-konvenut minn jeddu meta jieħu l-ġurament ikkontemplat fl-artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili, l-attur għandu kull dritt li jagħti prova li kien hemm interruzzjoni jew rinunzja għall-preskrizzjoni. Din kienet wara kollox ukoll il-pożizzjoni qabel l-emenda tal-Artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili meta l-konvenut kien jagħżel li jixhed minn jeddu.'

*Qabel l-introduzzjoni tal-emendi l-pożizzjoni kienet differenti fejn:*

'... jekk l-attur jagħżel il-mezz tal-ġurament, u l-konvenut ikun ħalef skont il-liġi, l-attur ma jkunx jista' jagħżel mezz ieħor, billi meta l-kreditur jitlob li jingħata lid-debitur il-ġurament, dan ifisser li hu qiegħed jirritjeni bħala ammissibli l-preskrizzjoni eċċepita u li ma kienx hemm sospensjoni jew interruzzjoni tagħha, u li jrid jipprova l-mezz estrem tad-dilazzjoni tal-ġurament. B'dan il-mezz huwa jkun qiegħed jirrimetti ruħhu fil-kuxjenza tad-debitur'. (Vincenza Vella vs Carmela armla Sciberras, Prim'Awla Qorti Ċivili deċiża 16 ta' Jannar, 1963).'

*Illi għalhekk il-pożizzjoni tad-debitur illum inbidlet radikalment stante li issa l-pożizzjoni tiegħu fl-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni saret waħda attiva u dana fis-sens li huwa l-konvenut innifsu li minn jeddu u bil-ġurament tiegħu waqt il-kawża għandu jikkonferma li ma huwiex debitur. Fis-sentenza:* ***P&S (C-4860) et – vs – Noel Zammit et*** *deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-sittax (16) ta' Frar elfejn u tmintax (2018) ġew eżaminati fil-fond l-effetti tal-emendi fuq l-Artikolu 2160 u hekk ingħad:*

"... Li forsi ma fehemx il-Konvenut hu, li l-eċċezzjoni taħt artikolu 2156(d) u (f) tal-Kodiċi Ċivili ma tirnexxix għas-sempliċi raġuni li jkunu għaddew ħames snin. It-terminu msemmi fir-rigward tal-Artikoli 2156(d) u (f) tal-Kodiċi Ċivili huwa biss wieħed u mhux l-uniku ingredjent biex tirnexxi din id-difiża. Dak li jiddisponi dan l-Artikolu jrid ikun abbinat mal-ingredjent l-ieħor kumulattiv ta' natura proċedurali, li jikkommina l-Artikolu 2160(1) tal-Kodiċi Ċivili.

20. Dan l-Artikolu jistabbilixxi, li min irid jipprevalixxi ruħhu mill-benefiċċju ta' preskrizzjoni partikolari ossia brevi, għandu (i) **jixhed minn jeddu** u (2) jagħti l-ġurament waqt il-Kawża li **ma hux debitur.** Lanqas ma jista' jgħid li **ma jiftakarx li l-**

**ħaġa ġiet imħallsa,** għaliex dan ix-xorta ta' ġurament huwa riservat għall-eredi tad-debitur tant li fit-test tal-liġi l-kliem użat huwa "ma jiftakrux" (ara Deċiżjoni fl-ismijiet Vincenzo Cauchi – vs – Giovanni Scerri tal-Qorti tal-Kummerċ, 28 ta' Ottubru, 1955).

21. Minkejja t-tibdil fil-liġi kif fuq ingħad, dawn iż-żewġ formuli ta' ġurament xorta baqgħu sagramentali, u kull devjazzjoni minnhom ma tiswiex ai fini ta' dawn ix-xorta ta' eċċezzjonijiet. Li tgħid li d-dejn huwa preskritt, mingħajr ma tuża t-test li trid il-liġi, ma jiswiex biex tirnexxi din ix-xorta ta' eċċezzjoni. Ma hux kompitu tal-konvenut li jasal għall-konklużjonijiet legali. Il-kompitu tiegħu huwa li jimxi skont dak li jitlob l-artiklu msemmi. ...'

*It-Tribunal josserva li la mill-affidavit u lanqas mix-xhieda tal-konvenut viva voce ma jirriżulta li l-konvenut għamel dak rikjest mil-liġi, anzi baqa' jsostni li huwa kien lest li jħallas lill-atturi purche li l-avukat tagħhom jassumi r-responsabbilità li l-atturi għandhom dritt għal dawn il-flus. Minn imkien ma l-konvenut ċaħad li għandu jagħti xi flus iżda biss li kien lest li jagħmel dan kemm-il darba huma jippruvaw li għandhom sehem minn dawn il-kirjiet.*

*Għaldaqstant l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni qed tiġi miċħuda.*

*Dwar il-mertu ssir referenza għall-Artikoli 389 u 390 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) li jipprovdu:*

"389. (1) Kull min hu obbligat li jagħti kont, għandu jippreżentah bid-dokumenti kollha li jiġġustifikawh.
"(2) Jekk xi wieħed mid-dokumenti jkun att pubbliku, tkun biżżejjed li ssir referenza għalih.

"390. (1) Il-kont għandu jkun fih:

"(a) tifsira ċara tal-ħwejjeġ li tagħhom għandu jingħata kont;
"(b) il-partiti tad-dħul;
"(ċ) il-partiti tan-nefqa;
"(d) il-bilanċ li għad irid jidħol u l-ħwejjeġ li għandhom jittieħdu lura;

"(2) Il-kont għandu jagħlaq b'rijassunt."

*Mid-dokumenti esebiti a fol. 48 jirriżulta li fis-sena 2000 il-konvenut ġabar mija u erbgħin Lira Maltin (LM140) u li minnhom kellhom jinqasmu bejn tmien lottijiet ċioe sbatax-il lira u ħamsin ċenteżmu (€LM17.50ċ) ċioe erbgħin euro u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (€40.77ċ) kull parti. L-atturi ma jirriżultax li rċevew sehemhom u għalhekk il-konvenut għandu jgħaddi lill-atturi s-somma ta' mija u tlieta u sittin euro u għaxar ċenteżmi (€163.10ċ) u li huwa għadda sehem l-atturi lil ċertu M. Licari (fol. 48) li kellha*

*l-prokura ta' Angela Mizzi. Li għalhekk dan l-ammont mhux dovut lill-atturi iżda se mai huwa dovut minn M.L. ċioe Lourdes Licari li rċeviethom għan-nom tagħhom.*

*Illi a fol 50 jirriżulta għas-sena 01 ta' Jannar, 2001 sal-01 ta' Jannar, 2003 il-konvenut ġabar mija u sebgħa u sittin Lira Maltin (LM167) li minnhom ħallas għaxar Liri Maltin (LM 10) lill-Perit George Falzon u sbatax-il Lira Maltin (LM17) dritt u spejjeż u bilanċ nett ta' mija u erbgħin Liri Maltin (LM140) li bejn tmienja jiġi sbatax-il lira u ħamsin ċenteżmu (LM17.50ċ) kull werriet li ma jirriżultax li sehem l-atturi tħallsu ta' sehemhom u li għalhekk huwa dovut sbatax-il Lira Maltin u ħamsin ċenteżmu (LM17.50ċ) x 4 = sebgħin Lira Maltin (LM70) ċioe mija tlieta u sittin euro u għaxar ċenteżmi (€163.10ċ).*

*Illi a fol 51 jirriżulta li l-kirjiet miġbura mill-konvenut għall-perijodu mill-01 ta' Jannar, 2003 sal-31 ta' Diċembru, 2007 jammontaw għal erbgħa mija u disgħa u għoxrin Lira Maltin u ħamsin ċenteżmu (LM429.50ċ) li minnhom kien hemm mija u ħamsa u sittin Liri Maltin (LM165) spejjeż u li għalhekk l-ammont nett huwa ta' mitejn erbgħa u sittin Lira Maltin u ħamsin ċenteżmu (LM264.50ċ) ċioe tlieta u tletin liri Maltin u sitt ċenteżmi (LM33.06ċ) ċioe sebgħa u sebgħin euro u tliet ċenteżmi (€77.03) kull sehem. Tali ammont ma jirriżultax li ġie mgħoddi lill-attur u għalhekk għandu jitħallas mill-konvenut lill-atturi l-ammont ta' tliet mija u tmien euro u tnax-il ċenteżmu (€308.12ċ).*

*Illi a fol. 52 l-kirjiet miġbura fis-sena 2008 jirriżulta li kull sehem huwa ta' ħmistax-il lira Maltin u tlieta u disgħin ċenteżmu (LM15.93) ċioe tlieta u sebgħin euro u tnax-il ċenteżmu (€37.12ċ)* [sic!] *u talabhom jgħidulu min ser jidħol minfloku bħala prokuratur ġdid. L-ammont ta' tlieta u sebgħin euro u tnax-il ċenteżmu (€37.12ċ)* [sic!] *ma jirriżultax li tħallas lill-atturi u għalhekk il-konvenut għandu jgħaddi lill-atturi s-somma ta' mija tmienja u erbgħin euro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€148.48ċ).*

*A fol. 54 jirriżulta li l-konvenut tħallas mitejn disgħa u ħamsin euro u tletin ċenteżmu (€259.30ċ) a fol. 53 wieħed u għoxrin euro u disgħa u tmenin ċenteżmu (€21.89ċ) u li għalhekk kull sehem għas-snin 2009 u 2010 huwa ta' ħamsa u tletin euro u ħmistax-il ċenteżmu (€35.15ċ) u li ma jirriżultax li l-atturi tħallsu u għalhekk il-konvenut għandu jħallas lill-atturi mija u erbgħin euro u sittin ċenteżmu (€140.60ċ).*

*Illi għalhekk it-total kollu dovut huwa ta' seba' mija u sittin euro u tletin ċenteżmu (€760.30ċ).*

*Jiġi rilevat ukoll li jekk il-konvenut kellu xi dubju dwar min huma l-werrieta, huwa seta' dejjem jiddepożita taħt l-Awtorità tal-Qorti u mhux jerfa' bir-responsabbilità lill-Avukat Michael Grech.*

*Għaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tal-atturi limitatament għas-somma ta' seba' mija u sittin euro u tletin ċenteżmu (€760.30ċ) u jordna lill-konvenut iħallas lill-atturi s-somma ta' seba' mija u sittin euro u tletin ċenteżmu (€760.30ċ) bl-imgħaxijiet legali b'effett mil-lum sad-data tal-effettiv pagament.*

*Spejjeż a karigu tal-konvenut."*

## L-Appell

11. Il-konvenuti ressqu appell minn din id-deċiżjoni tat-Tribunal fit-13 ta' Lulju, 2020, fejn talbu lil din il-Qorti tilqa' l-appell tagħhom u tiddikjara d-deċiżjoni appellata nulla u bla effett fil-liġi, jew, alternattivament, tirriforma s-deċiżjoni appellata billi tirrevokaha fejn ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali, u tilqa' tali eċċezzjoni, tiddikjara l-azzjoni proposta mill-atturi preskritta ai termini tal-artikolu 2157 tal-Kap. 16, u tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż kollha kontra l-istess atturi appellati.

12. L-appellanti qalu li huma ħassewhom aggravati għaliex fl-ewwel lok, l-okkju tas-sentenza ma jagħmel ebda riferiment għall-korrezzjoni li ordna li ssir it-Tribunal fl-istess okkju permezz tad-digriet tal-25 ta' Ottubru, 2018. L-appellanti spjegaw li din il-kawża ġiet intavolata minn John Axiak f'ismu proprju u f'isem diversi qraba tiegħu li huma assenti minn Malta, u Rose Axiak proprju. Qalu li wara li ġie ppreżentat l-*affidavit* ta' John Axiak, irriżulta li dan ma jirrisjedix hawn Malta, u għalhekk la John Axiak u lanqas il-qraba tiegħu ma kellhom min jirrappreżentahom quddiem il-Qorti f'Malta. L-appellanti qalu li

kien għalhekk li fit-23 ta' Ottubru, 2018 sar rikors mill-atturi sabiex jiġu rappreżentati minn Rose Axiak, u permezz ta' digriet tat-Tribunal tal-25 ta' Ottubru, 2018, it-Tribunal, wara li ra r-rikors tal-atturi u n-nota tat-23 ta' Ottubru, 2018, laqa' t-talba u ordna li ssir korrezzjoni fl-okkju kif mitlub, iżda din il-korrezzjoni ma ġietx riflessa fl-okkju. L-appellanti qalu li dan in-nuqqas iġib miegħu n-nullità tad-deċiżjoni tat-Tribunal tat-23 ta' Ġunju, 2020.

13. L-appellanti qalu li mingħajr tali korrezzjoni, l-atturi li huma msefrin ma kellhomx lil min jirrappreżentahom quddiem il-Qorti f'Malta, u għalhekk mingħajr preġudizzju għall-kumplament tal-eċċezzjonijiet imressqa mill-appellanti, kwalsiasi ammont li jista' jiġi stabbilit li huwa dovut, jispetta biss lill-attriċi Rose Axiak, f'liema każ l-ammont ikun ferm inqas mis-somma likwidata mit-Tribunal.

14. It-tieni aggravju tal-appellanti huwa fis-sens li d-deċiżjoni tat-Tribunal iddeċidiet ħażin il-punt dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali mressqa mill-appellanti. L-appellanti għamlu riferiment għad-dikjarazzjoni tat-Tribunal fejn qal li la mill-*affidavit* u lanqas mix-xhieda tal-konvenut ma jirriżulta li l-konvenut għamel dak rikjest mil-liġi, anzi baqa' jsostni li huwa dispost iħallas lill-atturi dment li l-avukat tagħhom jassumi responsabbilità għal dawn il-flus. L-appellanti qalu li t-Tribunal ikkonsidra li l-konvenut imkien ma ċaħad li għandu jagħti xi flus, iżda huwa kien lest li jħallas biss kemm-il darba l-appellati jippruvaw li huma għandhom xi sehem minn dawn il-kirjiet. L-appellanti qalu li dawn id-dikjarazzjonijiet tat-Tribunal ma jirriżultawx mill-atti. L-appellanti għamlu riferiment għall-*affidavit* tal-konvenut, fejn qal li huwa ma jafx li l-atturi

għandhom xi dritt kontrih u li huwa mhux debitur tagħhom għal xi raġuni jew oħra. Dan il-konvenut ikkonfermah waqt il-kontro-eżami li sarlu. L-appellanti qalu li mill-atti għandu jirriżulta li l-kawża quddiem it-Tribunal ġiet ippreżentata fit-22 ta' April, 2016, u l-aħħar sena tal-amministrazzjoni tal-konvenut kienet l-2010, u għalhekk il-ħames snin rikjesti mill-artikolu 2157 tal-Kap. 16 kienu għaddew. L-appellanti qalu li lanqas ma jirriżulta li kien hemm xi ksur ta' din il-preskrizzjoni, jew li l-ittra uffiċjali esebita in atti ntbagħtet u ġiet notifikata lill-konvenut.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

15. L-appellati fir-risposta tagħhom wieġbu li bl-ewwel aggravju tagħhom l-appellanti qegħdin jilmentaw mill-fatt li l-okkju ma jagħmel l-ebda riferiment għall-korrezzjoni ordnata mit-Tribunal fil-25 ta' Ottubru, 2018. Qalu li biex tiġi kkontemplata n-nullità f'każ bħal dan, irid jiġi ppruvat li l-bidla fir-rappreżentanza arrekat preġudizzju lill-parti l-oħra fil-kawża, liema preġudizzju ma jistax jiġi rimedjat ħlief bis-sanzjoni tan-nullità. L-appellati qalu li l-aggravju in diżamina jittratta nuqqas fl-okkju tas-sentenza u mhux fl-okkju tal-kawża, u li ladarba l-okkju tal-kawża ma jitbiddilx, meta jkun hemm sostituzzjoni fir-rappreżentanza wara li tkun bdiet il-kawża, bidla fl-okkju mhijiex essenzjali għall-validità tal-proċeduri, għalkemm dejjem isir hekk fil-prattika. L-appellati qalu li għalhekk l-ewwel aggravju sollevat mill-appellanti huwa frivolu u vessatorju, u għandu jiġi miċħud.

16. B'riferiment għat-tieni aggravju tal-appellanti, l-appellati qalu li l-appellanti jistqarru li mhux minnu li n-Nutar Carmelo Lia interrompa l-preskrizzjoni permezz ta' dikjarazzjoni maħlufa minnu u intavolata in atti. Qalu li fil-fatt fl-*affidavit* tiegħu n-Nutar Carmelo Lia qal li huwa kien offra ħlas lill-Avukat Michael Grech bil-ħsieb li dan jassumi r-responsabbilità li l-klijenti tiegħu huma verament intitolati għall-ħlas, iżda Dr. Grech m'aċċettax li jagħmel dan. L-appellati qalu li kif sew osserva it-Tribunal, in-Nutar Carmelo Lia qatt ma ċaħad li huwa għandu jagħti xi flus lill-appellati, iżda qal li huwa kien dispost li jagħmel dan kemm-il darba biss l-appellati jippruvaw li għandhom sehem mill-kirjiet in kwistjoni. L-appellati qalu li fl-*affidavit* tiegħu n-Nutar Lia donnu jammetti li l-ammont huwa dovut, meta qal li huwa rrifjuta li jħallas lill-appellati għaliex huma ma ppruvawx li kellhom jedd għal dak li kienu qegħdin jitolbu. Qalu li n-Nutar Lia eċċepixxa l-preskrizzjoni biss billi qal li għaddew aktar minn ħames snin, mingħajr ma qal taħt liema artikolu u kapitolu tal-liġi kien qiegħed jeċċepixxi l-preskrizzjoni. L-appellati qalu li għalhekk huma kienu sprovvisti mid-dritt tagħhom li jattakkaw din l-eċċezzjoni. L-appellati qalu li l-unika darba li l-appellanti għamlu riferiment għal xi artikolu tal-preskrizzjoni partikolari, kien biss fin-nota ta' sottomissjonijiet finali ppreżentata minnhom. L-appellati qalu li kwalunkwe eċċezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata fir-risposta u fin-nota ta' osservazzjonijiet, hija irritwali u proċeduralment monka, u huwa għalhekk li t-Tribunal skartaha għal kollox.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

17. Hekk stabbiliti l-fatti u l-aggravji li wasslu għal dan l-appell, il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji sollevati mill-appellanti, u dan fid-dawl tar-risposta ntavolata mill-appellati, u tal-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal fid-deċiżjoni appellata. Skont l-appellanti, id-deċiżjoni tat-Tribunal għandha titqies li hija nulla għaliex l-okkju tas-sentenza ma jagħmilx riferiment għall-korrezzjoni ordnata mit-Tribunal bid-digriet tal-25 ta' Ottubru, 2018. L-appellanti jgħidu li d-deċiżjoni tat-Tribunal għandha tiġi annullata wkoll għaliex it-Tribunal m'għamilx interpretazzjoni korretta tal-eċċezzjoni mressqa minnhom fir-rigward tal-preskrizzjoni kwinkwennali.

*L-ewwel aggravju:* *[dwar in-nullità tas-sentenza]*

18. L-appellanti jgħidu li l-okkju tas-sentenza ma jagħmel ebda riferiment għall-korrezzjoni ordnata mit-Tribunal bid-digriet tiegħu tal-25 ta' Ottubru, 2018, u li dan in-nuqqas jirrendi d-deċiżjoni tat-Tribunal nulla. Il-Qorti tirrileva li l-materja tan-nullità ta' sentenza hija regolata bl-artikolu 790 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, fejn jingħad illi:

> "Meta quddiem qorti fi grad ta' appell tinġieb 'il quddiem l-eċċezzjoni tan-nullità tas-sentenza appellata, dik l-eċċezzjoni ma għandhiex tintlaqa' jekk is-sentenza tkun ġusta fis-sustanza tagħha, ħlief jekk l-eċċezzjoni tkun ibbażata fuq in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni jew fuq nuqqas ta' ċitazzjoni, jew fuq illeġittimità ta' persuna jew fuq li s-sentenza tal-ewwel qorti hija *extra petita* jew *ultra petita* jew fuq kull difett ieħor li jippreġudika l-jedd ta' smigħ xieraq."

19. Il-leġislatur għalhekk ma ħasibx illi xi nuqqas fl-okkju jista' jwassal għan-nullità tas-sentenza mogħtija, u din il-Qorti hija tal-fehma li n-nuqqas indikat bl-ebda mod ma ppreġudika l-jedd għal smigħ xieraq ta' xi parti, għaliex jirriżulta l-partijiet kollha ġew notifikati bl-atti u min ried jipparteċipa b'mod attiv fil-proċeduri, seta' jagħmel dan liberament. Din il-Qorti għalhekk, filwaqt li tqis li dan l-aggravju mhux mistħoqq u tiċħdu, sejra tgħaddi biex tikkonsidra jekk is-sentenza hijiex ġusta fis-sustanza tagħha, billi tikkonsidra l-aggravju dwar il-mertu.

*It-tieni aggravju:* *[dwar il-preskrizzjoni kwinkwennali]*

20. L-appellanti jgħidu li huma jħossuhom aggravati wkoll għaliex id-deċiżjoni appellata fir-rigward tal-preskrizzjoni kwinkwennali hija waħda żbaljata, stante li mhuwiex minnu li l-konvenut ma ċaħadx li għandu jagħti xi flus, jew li dan qal li huwa kien dispost iħallas dak dovut lill-appellati lill-Avukat li għal xi żmien kien qiegħed jirrappreżenta l-interessi tagħhom. L-appellanti qalu li kuntrarjament għal dawn il-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal, l-appellant qal li huwa ma jafx li l-appellati għandhom xi dritt kontrih. Żiedu jgħidu wkoll li l-kawża ġiet ippreżentata fit-22 ta' April, 2016 filwaqt li l-aħħar sena meta Dr Carmelo Lia kien amministratur ta' din il-proprjetà kien fl-2010, u għalhekk kienu għaddew ħames snin bejn dakinhar li ntemmet l-amministrazzjoni tal-konvenut, u l-ftuħ ta' dawn il-proċeduri.

21. Il-Qorti kkonsidrat li kien biss fin-nota ta' sottomissjonijiet li l-appellanti speċifkaw li l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni ġiet sollevata *ai termini* l-artikolu 2157

tal-Kodiċi Ċivili, li jgħid li l-azzjoni għall-għoti ta' kontijiet kontra tutur, kuratur, mandatarju, jew amministratur ieħor, taqa' bi preskrizzjoni bl-għeluq ta' ħames snin minn dakinhar li l-amministrazzjoni tispiċċa, jew fi żmien sena mill-mewt tat-tutur, kuratur, mandatarju jew amministratur ieħor. L-appellanti jsostnu li laħqu għaddew ħames snin bejn dakinhar li l-konvenut Dr Carmelo Lia temm l-amministrazzjoni tiegħu u l-ftuħ ta' dawn il-proċeduri.

22. Il-Qorti tosserva li l-preskrizzjoni li jitkellem dwarha l-artikolu 2157 tal-Kodiċi Ċivili hija preskrizzjoni dwar il-jedd ta' azzjoni biex jingħata kont ta' amministrazzjoni fir-rigward ta' mandatarju jew amministratur. Iż-żmien li titkellem dwaru l-liġi huwa dak ta' ħames snin li jibdew minn dakinhar li tintemm l-amministrazzjoni. L-azzjoni odjerna iżda, ma ġietx istitwita mill-appellati sabiex il-konvenut jipprovdilhom rendikont tal-amministrazzjoni tiegħu, iżda sabiex il-konvenut, qua amministratur tal-beni tal-appellati, iħallashom flus miġbura minnu għan-nom tagħhom f'kirjiet. Mill-provi jirriżulta bl-aktar mod ampju li l-konvenut ġabar dawn il-flus, għaliex dan ħareġ id-debita riċevuta lill-paganti, u fil-kontijiet tal-amministrazzjoni tiegħu ta spjega dettaljata tal-ammonti miġbura minnu. Il-kawża tal-appellati ma kinitx għall-provvista min-naħa tal-konvenut tal-kotba tal-amministrazzjoni, iżda għall-ħlas ta' flus li jappartjenu lilhom. Il-Qorti hawn tagħmel riferiment għal dak li jipprovdi l-artikolu 1871A tal-Kodiċi Ċivili, li jistabbilixxi illi:

> "Meta dik il-persuna takkwista proprjetà f'isimha stess iżda għan-nom ta' mandant, il-mandant ikollu f'kull żmien il-jedd li jitlob mingħand il-mandatarju t-trasferiment tagħha immedjat u bla kondizzjoni. Il-mandatarju għandu ma' dik it-talba, jew, f'kull każ mat-tmiem taż-żmien li matulu kellu jkompli l-mandat, minnufih jagħti rendikont tal-mandat tiegħu skont l-artikolu 1875 u jittrasferixxi l-proprjetà lill-mandant b'dak

> il-mod li jkun xieraq, soġġett għal xi kundizzjonijiet speċjali tal-mandat dwar drittijiet u spejjeż u jeddijiet ta' terzi *in bona fede.*"

23. Qari akkurat ta' dan id-dispost tal-liġi, għandu jwassal għall-konklużjoni li l-azzjoni tal-appellati sabiex jitolbu mingħand il-konvenut flus li nġabru f'isimhom, ma tistax tiġi preskritta, u dan għaliex il-liġi tipprovdi għall-possibilità li tali azzjoni tinfetaħ 'f'kull żmien'. Hawn il-Qorti tfakkar f'regola oħra tad-dritt daqstant importanti, jiġifieri li dawk li jżommu l-ħaġa f'isem ħaddieħor, u hawn il-konvenut qatt ma ressaq xi pretensjoni li huwa kien qiegħed jiġbor dawn il-flus għalih innifsu, u l-werrieta tagħhom, ma jistgħux jippreskrivu, jgħaddi kemm jgħaddi żmien (l-artikolu 2118 tal-Kodiċi Ċivili).

24. Għalhekk din il-Qorti tqis li mhux biss l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ma kellhiex tiġi milqugħha, iżda lanqas biss setgħet tiġi sollevata mill-parti konvenuta fil-kawża. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, għalhekk it-tieni aggravju tal-appellanti qiegħed jiġi miċħud ukoll.

## <u>Decide</u>

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qegħda tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellanti billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal għandhom jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li l-ispejjeż ta' dan l-appell huma a karigu tal-appellanti.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**